# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors**
**MASS VO 0629**

***Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.***
***Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta***
***website: mass.org.mt email: info@mass.org.mt***



## Editorjal

*minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Membri,

Nispera li tinsabu kollha tajbin. Waqt li qed nikteb dan l-editorjal ninsabu fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju, bis-sajf wara l-bieb u fl-aqwa staġun tal-Laqgħat Ġenerali Annwali tal-kumpaniji. Kif semmejt fil-ħarġa preċedenti, dan il-perijodu jġib miegħu ammont sostanzjali ta' xogħol għall-Kumitat tal-MASS. Qabel il-laqgħat ġenerali annwali, normalment ikollna diversi laqgħat mal-bordijiet tad-diretturi tal-kumpaniji, kultant fuq inizjattiva tagħna u drabi oħra fuq stedina tagħhom. Barra minn hekk, komplejna naħdmu fuq diversi kwistjonijiet li jaffettwaw lill-azzjonisti, fosthom il-kwistjoni tal-MIDI, li s'issa għadha ma sabitx soluzzjoni sodisfaċenti. Kellna wkoll laqgħat ma' kumpaniji oħra fejn esprimejna t-tħassib tagħna dwar l-andament tagħhom matul dawn l-aħħar xhur u snin.

Fl-istess waqt, delegazzjoni mill-Kumitat qed tħejji ruħha biex tattendi konferenzi u laqgħat internazzjonali li se jsiru f'Reykjavík, l-Islanda, fuq stedina ta' Better Finance, l-organizzazzjoni Ewropea li magħha l-MASS hija affiljata. F'dawn il-konferenzi se nippreżentaw rapport dwar is-sitwazzjoni tal-azzjonisti minoritarji f'Malta, filwaqt li se nġeddu l-istedina tagħna sabiex fis-snin li ġejjin waħda minn dawn il-konferenzi internazzjonali terġa' ssir f'Malta, kif kien seħħ b'suċċess fl-2017.

Din il-ħarġa għandha sinifikat partikolari għalina, peress li hija l-**Mitt Ħarġa** tan-*newsletter* tal-MASS. Dawk li ilhom magħna għal ħafna snin jiftakru sew il-bidu umli tagħha. L-ewwel ħarġiet kienu fl-2013 li kienu jikkonsistu f'paġna waħda b'xi artikli u kitbiet qosra, li konna nagħmlu permezz ta' fotokopji. Meta fl-2017 ġejt maħtur editur ta' din il-pubblikazzjoni, in-*newsletter* kibret għal erba' paġni u bdiet tiġi stampata professjonalment fi stamperija. Żdied il-format tagħha minn A5 għal A4, bdiet tiġi stampata bil-kulur u, skont il-ħtiġijiet taż-żmien, żdiedu wkoll il-paġni tagħha, tant li f'ċerti okkażjonijiet laħqet l-24 paġna (Ara paġna 16).

Hekk kif l-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni komplew jiżdiedu, inħasset il-ħtieġa li l-pubblikazzjoni toħroġ b'aktar frekwenza. Fil-fatt, illum il-ġurnata qed tasal għandkom kważi kull xahar. Din tintbagħat regolarment lill-membri kollha tagħna, kemm lil dawk li jippreferu jirċevuha bil-posta, kif ukoll lil dawk li jagħżlu li jirċevuha elettronikament permezz tal-imejl. Dan il-magażin huwa l-pubblikazzjoni ewlenija tal-Assoċjazzjoni u jirrappreżenta wieħed mill-aktar mezzi importanti ta' komunikazzjoni mal-membri tagħna. Mhux biss, iżda minn żmien għal żmien jintbagħat ukoll lil persuni li għadhom mhumiex membri, sabiex ikunu jistgħu japprezzaw il-ħidma li twettaq il-MASS favur l-azzjonisti minoritarji u, nittamaw, jingħaqdu magħna.

***Disclaimer***
*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

**Indirizz**

NEWSPAPERPOST

Naturalment, il-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ġġib magħha spejjeż sostanzjali. Fl-aħħar snin rajna żjidiet qawwija fil-prezz tal-karta, kif ukoll fl-ispejjeż tal-posta, tant li llum dan il-magażin jirrappreżenta waħda mill-akbar nefqiet tal-Assoċjazzjoni. Minkejja dan, nibqgħu nemmnu li huwa investiment importanti biex inżommu kuntatt kontinwu mal-membri tagħna u nwasslulhom informazzjoni rilevanti u aġġornata.

Din hija l-ħames ħarġa tas-sena 2026 u, bħas-soltu, hija mimlija b'aħbarijiet, rapporti u artikli ta' interess għall-azzjonisti. Nittama li ssibuha utli u interessanti. F'din in-*Newsletter* numru 100 għal Mejju/Ġunju, se ssibu l-**Editorjal** miktub minni, Tarcisio Barbara, fil-kariga ta' Viċi President u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara, issibu wkoll ir-**Rapport tal-Attivitajiet tal-MASS** miktub minni, fejn qed nirrapportaw l-impenji kollha tal-Assoċjazzjoni matul ix-xahar ta' April 2026. Imbagħad, issibu **Messaġġ mill-MASS – Laqgħa Ġenerali Straordinarja MIDI**. Issibu wkoll xi **Wħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom**. Fl-aħħar nett, f'paġna 19 issibu wkoll l-**Avviżi**.

Nittamaw li, bħal dejjem, issibu din ir-rivista interessanti. Min-naħa tagħna, nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll, f'isem sħabi, nirringrazzja lill-għadd kbir ta' membri li kitbulna jew ċemplulna biex jirringrazzjawna, kif ukoll lil dawk li tawna l-appoġġ tagħhom biex inkomplu mexjin 'il quddiem. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikaw, jekk jogħġobkom għadduhulna. Nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom u nħeġġiġkom tibqgħu ssegwu l-ħidma tal-Assoċjazzjoni u tipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha. Nirringrazzja b'mod speċjali lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fil-lista "**Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS)**" fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll, f'isem il-MASS, lill-kontributuri kollha ta' dan il-fuljett.



## Rapport tal-Attivitajiet tal-MASS Marzu 2026

*Minn Tarcisio Barbara*

**Fis-7 ta' April 2026**, filgħodu, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS kellha laqgħa mal-kumpanija Hili Ventures fil-kumpless Nineteen Twenty Three, fl-Estejt Industrijali tal-Marsa. Min-naħa tal-kumpanija attendew is-Sur Melo Hili flimkien ma' żewġ uffiċjali oħra tal-kumpanija.

Il-President tal-MASS, Anthony Farrugia, qal li kien ikun aħjar li kieku l-laqgħa saret qabel, peress li l-membri tagħna li huma azzjonisti fil-Kumpanija Hili kienu ferm diżappuntati b'dak li ġara. Fir-risposta tiegħu, is-Sur Hili qal li huma ma sfurzaw lil ħadd biex ibigħ l-ishma tiegħu u li min biegħ l-ishma lil Hili Ventures għamel dan volontarjament. Huwa kompla jgħid li f'dawk il-ġranet kien baqa' ftit aktar minn 2% *free float* fil-kumpanija.



Tarcisio Barbara staqsa jekk jistax jiġri l-istess fil-Kumpanija Harvest. Is-Sur Hili wieġeb li Harvest hija kumpanija separata u għalhekk ma setax jgħid x'jista' jsir fil-futur, għalkemm għalissa ma hemm l-ebda ħsieb li jittieħdu passi simili. Tarcisio Barbara żied jgħid li s-suq Malti huwa limitat kif inhu u għalhekk ħadd ma jixtieq jara tnaqqis fin-numru ta' kumpaniji elenkati. Min-naħa tiegħu, is-Sur Hili qal ukoll li l-Kumpanija Harvest hija 65% proprjetà ta' Hili Ventures.

Fl-aħħar nett, is-Sur Hili spjega li dawk li jagħżlu li jibqgħu fil-kumpanija jistgħu jsibu diffikultà jekk xi darba jkunu jridu jbigħu l-ishma tagħhom, peress li dawn mhux se jibqgħu nnegozjati fil-Borża. Għaldaqstant, jekk isibu xerrej interessat, il-prezz tal-ishma jkun irid jiġi miftiehem bejn iż-żewġ partijiet.

**Fis-7 ta' April 2026**, f'nofsinhar, membri mill-Kumitat tal-MASS morna l-Bank of Valletta, fil-Belt Valletta, fejn il-MASS għandha l-kontijiet bankarji tagħha. Hemmhekk iddiskutejna diversi materji relatati ma' dawn il-

# Importers & Distributors of leading household brands.

## M&Z at a Glance

- **Listed on Malta Stock Exchange**
- **2,000+** Retail & Horeca Partners in Malta
- **100+** Household Brands
- **Serving Maltese Families for over 100 Years**

## BRAND PORTFOLIO

### A selection of our brands...

Knorr, Ella's kitchen, FLORA, [ yellow tail ], HANINI, HELLMANN'S, EMBORG, Vaseline, WALKER'S, KOPPARBERG, BLUE ANGEL

## SHAREHOLDER PRIVILEGE PROGRAMME

**We're proud to continue rewarding our shareholders through the M&Z p.l.c. Shareholder Privilege Card**, offering exclusive, year-round discounts on groceries and other items via whatsinstore.com.mt

What's INSTORE

Apply for your shareholder privilege card by emailing **invest@mz.com.mt**

Terms & conditions apply.

**Exclusive to M&Z Shareholders**

**mz.com.mt**

kontijiet u ffirmajna xi dokumenti sabiex l-Assistent Teżorier, Joseph Mangion, jingħata aċċess biex ikun jista' jara l-i*statements* u d-dettalji tal-kontijiet tal-MASS.

**Fis-7 ta' April 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS attendiet għal laqgħa mal-Kumpanija MAPFRE Middlesea plc ġewwa Middlesea House, il-Furjana. F'isem il-kumpanija attendew iċ-Ċermen, is-Sur Martin Galea, il-President u Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Etienne Sciberras, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sa Elvira López de Lara Merida, l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur James Mallia, kif ukoll is-Segretarja tal-Kumpanija, Dr Daphne Sims Dodebier.



Iċ-Ċermen beda d-diskors tiegħu billi stqarr li s-sena 2025 kienet sena ta' suċċess għall-kumpanija, tant li ġie deċiż dividend ogħla b'10% meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Il-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, staqsa dwar il-bejgħ tal-ishma ta' 30% li MAPFRE Middlesea plc kellha fil-Plaza Centres plc, u għaldaqstant issa l-kumpanija m'għadhiex azzjonista f'dik il-kumpanija. Min-naħa tal-kumpanija ġie spjegat li kienu rċevew offerta tajba u ħassew li kien l-aħjar mument biex joħorġu minn dak l-investiment.

Intqal ukoll li l-kumpanija għandha investimenti fis-suq tal-proprjetà li jammontaw għal madwar €90 miljun. Ġie enfasizzat ukoll li l-*market share* fis-suq lokali kompla jiżdied, fejn bħalissa l-kumpanija għandha madwar 65% tas-suq tal-*life insurance* u 31% tas-suq tan-*non-life insurance*. Rigward is-suq tal-pensjonijiet, ġie spjegat li għaddejjin taħditiet mal-Gvern dwar il-possibbiltà ta' investiment akbar fis-suq lokali, li jkun jikkostitwixxi negozju fuq perijodu twil ta' żmien.

Matul id-diskussjoni saret referenza wkoll għas-sitwazzjoni internazzjonali, partikolarment minħabba l-iżviluppi fil-Lvant Nofsani, u kif dawn jistgħu jaffettwaw is-swieq. Barra minn hekk, il-kumpanija rrimarkat li fl-aħħar seba' snin iż-żjieda fir-regolamenti ġabet magħha piż akbar fuq il-kumpanija u qed tirrikjedi investiment sostanzjali f'riżorsi u konformità. Is-Sur John Cachia għamel mistoqsija dwar l-awdituri tal-kumpanija, filwaqt li s-Sur Tarcisio Barbara staqsa dwar il-*loyalty scheme* li l-kumpanija toffri kemm lill-azzjonisti kif ukoll lill-klijenti tagħha.

**Fit-8 ta' April 2026**, filgħaxija, saret il-112-il konferenza tal-MASS, li din id-darba ġiet organizzata fil-kumpless ta' Calamatta Cuschieri, f'Birkirkara. Din kienet laqgħa regolari li l-kumpanija torganizza għall-membri u l-investituri. Fil-bidu tal-laqgħa, jien, Tarcisio Barbara, għamilt l-avviżi tas-soltu f'isem il-MASS, inkluż rendikont tal-laqgħat li saru matul l-aħħar xahar, kif ukoll informazzjoni dwar il-laqgħat u l-konferenzi li kienu skedati għall-ġimgħat ta' wara.







Sussegwentement, is-Sur Ian Farrugia, uffiċjal ta' Calamatta Cuschieri, spjega l-aġenda tal-konferenza. Wara, is-Sur Jordan Portelli, uffiċjal ieħor tal-istess kumpanija, tkellem dwar is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja internazzjonali ta' dak iż-żmien, b'enfasi partikolari fuq il-konflitti u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li kienu għaddejjin. Huwa rrefera wkoll għad-dikjarazzjonijiet tal-President Amerikan Donald Trump u l-effett immedjat li dawn ħafna

drabi jkollhom fuq is-swieq finanzjarji. Spjega kif is-swieq kienu qed jesperjenzaw volatilità qawwija minħabba l-inċertezzi internazzjonali, partikolarment minħabba s-sitwazzjoni fl-Istrett ta' Hormuz, passaġġ marittimu strateġiku li minnu jgħaddi madwar 20% taż-żejt globali. Minħabba l-iżviluppi li kienu qed iseħħu, it-traffiku minn dan il-passaġġ kien qed jiġi affettwat b'mod sinifikanti.



Is-Sur Portelli spjega li s-swieq Ewropej kienu qed iħossu l-effetti aktar minn dawk Amerikani, tant li kienu naqsu b'madwar 3% aktar mis-swieq tal-Istati Uniti. Huwa osserva wkoll li normalment bejn 200 u 250 tanker jgħaddu kuljum minn dan il-passaġġ, iżda dak iż-żmien il-moviment kien kważi wieqaf għal kollox. Matul il-preżentazzjoni tiegħu tkellem ukoll dwar is-suq tal-bonds, inklużi bonds tal-Gvernijiet u bonds korporattivi, u ta analiżi dwar diversi kumpaniji li l-investituri kienu qed juru interess fihom. Huwa enfasizza li, għalkemm il-volatilità ġġib magħha riskji, ħafna drabi toħloq ukoll opportunitajiet għall-investiment. Wara l-preżentazzjoni kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet mill-parteċipanti.

Fit-tieni sessjoni, is-Sur Ian Farrugia ta spjegazzjoni dettaljata dwar is-sistema Moneybase u l-pjattaforma ta' investiment li Calamatta Cuschieri toffri lill-klijenti tagħha. Huwa elenka pass pass il-funzjonijiet ewlenin tal-pjattaforma, spjega kif tintuża, u wieġeb il-mistoqsijiet tal-parteċipanti. Fi tmiem il-konferenza, dawk li l-attendew ingħataw l-opportunità li jkomplu jiddiskutu b'mod informali waqt bibita żgħira organizzata mill-kumpanija.



**Fit-13 ta' April 2026**, ftit qabel nofsinhar, saret laqgħa tas-sottokumitat tal-MASS fil-binja tal-Borża ta' Malta fil-Belt Valletta. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti ta' interess għall-Assoċjazzjoni u għall-membri tagħha. Fost il-punti ewlenin fuq l-aġenda kien hemm diskussjoni dwar il-Kumpanija Plaza Centres plc u l-laqgħa li kienet skedata li ssir aktar tard matul il-ġurnata ma' wieħed mid-diretturi tal-kumpanija permezz ta' konferenza onlajn. Il-membri tas-sottokumitat elenkaw il-punti li kellhom jitqajmu waqt din il-laqgħa, skambjaw il-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet rilevanti u qablu dwar l-approċċ li kellu jittieħed sabiex jiġu rrappreżentati bl-aħjar mod l-interessi tal-membri tal-MASS.

**Fit-13 ta' April 2026**, ftit wara nofsinhar, l-istess sottokumitat tal-MASS kellu laqgħa onlajn mas-Sur Jordi Goetstouwers Odena, proprjetarju tal-Kumpanija Virgata, u li bħalissa jservi wkoll bħala direttur fil-Kumpanija Plaza Centres plc. Matul il-laqgħa, is-Sur Goetstouwers Odena ta ħarsa ġenerali lejn l-istorja tal-Kumpanija Virgata, kif twaqqfet u kif żviluppat l-investimenti tagħha matul is-snin. Huwa spjega wkoll kif il-kumpanija daħlet bħala investitur fil-Plaza u tkellem dwar il-proposti u l-pjanijiet li qed jiġu kkunsidrati għall-futur.





Waqt id-diskussjoni, Mark De Marco u Anthony Farrugia rrimarkaw li l-Kumpanija Plaza ilha mwaqqfa mit-30 ta' Mejju tas-sena 2000, jiġifieri għal madwar 26 sena, u osservaw li r-rendiment tagħha matul dan il-perijodu kien relattivament baxx. Huma staqsew x'inhi l-viżjoni tal-kumpanija għas-snin li ġejjin u kif qed jara l-iżvilupp tagħha fit-tul.

Fir-risposta tiegħu, is-Sur Goetstouwers Odena spjega li l-viżjoni tal-investituri l-ġodda hija li ma jżommux aktar minn 50% tal-kumpanija. Huwa qal ukoll li l-binja tal-Plaza teħtieġ tiġi ripożizzjonata sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet tagħha, kemm permezz ta' espansjoni u żvilupp addizzjonali fuq is-sit eżistenti, kif ukoll permezz tal-esplorazzjoni ta' opportunitajiet ta' investimenti ġodda. Barra minn hekk, ġie spjegat li l-kumpanija qed tħares ukoll lejn opportunitajiet ta' investiment barra minn Malta. Intqal li l-kumpanija m'għandhiex dejn sinifikanti fil-preżent u li, jekk fil-futur jidħlu għal proġetti ġodda, jistgħu jiffinanzjawhom permezz ta' self bankarju jew permezz ta' ħruġ ta' bond.

Mark De Marco qajjem ukoll punti relatati mar-Riżoluzzjoni Nru 3, filwaqt li Albert Azzopardi staqsa dwar id-daqs u ż-żmien tal-ħruġ ta' bond ġdida. Fir-risposta ngħad li l-intenzjoni hi li, jekk tinħareġ bond ġdida, din tkun ta' daqs suffiċjenti biex tiffinanzja l-ħlas tal-bond eżistenti u fl-istess ħin tipprovdi fondi għall-investimenti futuri tal-kumpanija. Matul il-laqgħa, il-membri tal-MASS iddiskutew ukoll il-proċess tal-ħatra tad-diretturi, kif ukoll il-possibbiltà ta' *bonus shares*, *share buy-back* u kwistjonijiet oħra relatati mal-governanza u l-futur tal-kumpanija.

**Fl-14 ta' April 2026**, filgħodu, membri mill-Kumitat tal-MASS attendew għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja organizzata mill-Kumpanija Plaza Centres plc. Din il-laqgħa saret fil-Lukanda Palace, San Ġiljan. Fl-introduzzjoni tiegħu, is-Sur Charles J. Farrugia, Ċermen tal-kumpanija, qal li 73% tal-azzjonisti, kemm permezz ta' *proxies* kif ukoll personalment, kienu rappreżentati għal din il-laqgħa. Huwa kompla jispjega l-andament tal-laqgħa, inklużi r-riżoluzzjonijiet li kellhom jitressqu għall-votazzjoni. Intqal ukoll li l-laqgħa kienet intalbet mill-Kumpanija Virgata, li għandha madwar 37% tal-ishma tal-kumpanija.




Dr Louis De Gabriele, Segretarju tal-Kumpanija, spjega fid-dettal il-proċedura li kellha tiġi segwita, inkluż il-proċess tal-votazzjoni bil-miktub. Sussegwentement, iċ-Ċermen beda jwieġeb il-mistoqsijiet tal-azzjonisti, l-ewwel b'dawk li kienu ġew sottomessi bil-miktub. L-ewwel mistoqsija kienet dwar il-likwidità u s-saħħa

finanzjarja tal-kumpanija. Fir-risposta tiegħu, iċ-Ċermen qal li Plaza għandha likwidità soda minkejja li kienet qed tipproponi *buy-back* tal-ishma. Mistoqsija oħra kienet dwar il-prezz li bih kienu se jinxtraw lura l-ishma jekk tgħaddi r-riżoluzzjoni. Hawnhekk ġie spjegat li l-prezz kien jiddependi wkoll mill-eżitu tar-riżoluzzjoni dwar il-*bonus share issue*.

Wara bdew jiġu ppreżentati u diskussi r-riżoluzzjonijiet. L-ewwel waħda kienet relatata mal-ħatra tad-diretturi. F'dan il-punt żviluppa dibattitu bejn iċ-Ċermen u r-rappreżentanti tal-investitur il-ġdid, Virgata. It-tieni riżoluzzjoni kienet dwar il-programm ta' *buy-back* tal-ishma. F'din id-diskussjoni, is-Sur Anthony Farrugia, President tal-MASS, qal li kien favur din ir-riżoluzzjoni. Madankollu, tqajmu diversi mistoqsijiet u diskussjonijiet dwar il-proposta. It-tielet riżoluzzjoni kienet dwar il-ħruġ ta' *bonus shares*.

Wara li ntemmet id-diskussjoni, saret il-votazzjoni bil-miktub. Ir-riżultati wrew li wħud mit-tliet riżoluzzjonijiet ma kisbux il-maġġoranza meħtieġa sabiex jgħaddu. Konsegwentement, kellha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja oħra fi żmien 30 jum. Fl-aħħar tal-laqgħa, is-Sur Tarcisio Barbara ssuġġerixxa li l-laqgħa li jmiss ma ssirx f'ġurnata ta' laqgħat oħra ta' kumpaniji elenkati fil-Borża, peress li dan huwa l-istaġun tal-laqgħat ġenerali annwali. Huwa sostna li b'dan il-mod l-azzjonisti jkunu jistgħu jattendu u jipparteċipaw aktar faċilment fil-laqgħa.

**Fil-15 ta' April 2026**, filgħodu, saret il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Kumpanija Hili Properties plc, li nżammet fil-Lukanda Phoenicia, il-Furjana. Dr Adrian Mercieca, Segretarju tal-kumpanija, fetaħ il-laqgħa b'introduzzjoni qasira. Wara, iċ-Ċermen tal-kumpanija, is-Sur Pierre Luca Demajo, spjega l-iskop tal-laqgħa u r-riżoluzzjoni li kellha titressaq għall-approvazzjoni tal-azzjonisti. Ir-riżoluzzjoni, li kienet tirrigwarda d-*delisting* tal-kumpanija mill-Borża ta' Malta, inqrat kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti mis-Segretarju tal-kumpanija.




Wara nfetaħ il-ħin għall-mistoqsijiet mill-azzjonisti preżenti. L-ewwel mistoqsija talbet spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet wara l-proposta għad-*delisting*. Fir-risposta tiegħu, iċ-Ċermen qal li l-kumpanija kienet se tkompli titmexxa b'mod professjonali u li, wara d-*delisting*, setgħet saħansitra topera b'mod aktar effiċjenti. Għalhekk, il-Bord kien tal-fehma li ma kienx aktar meħtieġ li l-kumpanija tibqa' elenkata fil-Borża ta' Malta.

Tarcisio Barbara, f'isem l-Assoċjazzjoni, qal li l-MASS ma kinitx taqbel mad-*delisting* tal-kumpanija, partikolarment minħabba l-prezz offrut lill-azzjonisti. Huwa sostna li Hili Properties hija kumpanija prestiġjuża li kellha tibqa' elenkata fil-Borża ta' Malta. Żied jgħid li l-eżitu tal-votazzjoni kien prattikament magħruf minn qabel minħabba li l-maġġoranza tal-ishma kienu f'idejn l-azzjonist ewlieni. Huwa kompla jgħid li d-*delisting* seta' jkollu impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-kumpanija u tal-grupp tagħha, speċjalment meta wieħed iqis li l-grupp għandu diversi bonds elenkati fis-suq lokali. Qal ukoll li din id-deċiżjoni tista' tnaqqas il-fiduċja tas-suq kapitali Malti. Fl-aħħar nett sostna li, jekk il-kumpanija kienet determinata li twettaq id-*delisting*, il-prezz ġust kellu jkun ta' mill-inqas €0.27 għal kull sehem u mhux €0.24 kif kien ġie offrut.

Matul il-laqgħa tqajmu wkoll mistoqsijiet oħra, fosthom tiegħi, fejn tlabt lis-Segretarju tal-kumpanija jagħti spjegazzjoni dettaljata dwar x'kien se jiġri mill-azzjonisti li jiddeċiedu li jżommu l-ishma tagħhom wara li l-kumpanija ma tibqax elenkata fil-Borża ta' Malta. Fir-risposta tiegħu ġie spjegat li l-azzjonisti li jibqgħu jżommu l-ishma tagħhom ma jkunux jistgħu jinnegozjawhom permezz tas-suq regolat tal-Borża ta' Malta. Għalhekk, jekk ikunu jixtiequ jbigħu l-ishma tagħhom fil-futur, ikollhom isibu xerrej privat, u l-prezz li jinkiseb mhux bilfors ikun favorevoli. Għal din ir-raġuni, il-kumpanija qalet li l-offerta ta' xiri lura tal-ishma kienet opportunità li l-azzjonisti kellhom jikkunsidraw serjament.

**Fil-15 ta' April,** f'nofsinhar, wħud mill-membri mill-kumitat tal-MASS, kellna laqgħa fil-bank BOV tal-Belt Valletta, fejn komplejna niddiskutu xi affarijiet relatati mal-kontijiet li għandha l-MASS mal-istess bank u ffirmajna xi dokumenti oħra.

**Fil-15 ta' April,** filgħaxija, saret il-113-il konferenza tal-MASS, li kienet organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Din il-laqgħa saret fil-sala Laparelli tal-Bank Ċentrali, il-Belt Valletta, u s-suġġetti kienu informazzjoni dwar is-sistemi ta' Pagamenti SEPA u SWIFT. Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sur Kirtsten Ellul, *Manager Payments Policy and Compliance Office*, spjega b'mod dettaljat l-aspetti relatati mas-SEPA Payments, fejn enfasizza l-informazzjoni fundamentali fuq din is-sistema u x'inhuma l-benefiċċji tagħha. Huwa tkellem fuq il-funzjoni tas-sistema VOP, li tfisser *Verification of Payee*, bħala miżura biex tiżdied aktar is-sigurtà.














Wara dan, is-Sur Edward Magro, *Deputy Head, Payments and Banking Department*, spjega fid-dettal il-funzjonijiet u l-vantaġġi tas-sistema SWIFT. Huwa enfasizza li din is-sistema tinsab fil-Bank Ċentrali u taħdem billi tikkonnettja ma' aktar minn 11,000 istituzzjoni finanzjarja f'aktar minn 200 pajjiż. Huwa spjega wkoll kif jista' jinħoloq aċċess għas-sistema SWIFT minn Malta.

Fil-perijodu ta' diskussjoni, saru diversi mistoqsijiet mill-membri, speċjalment fuq il-problemi li jiltaqgħu magħhom il-parteċipanti tal-MASS. Saru wkoll xi suġġerimenti għar-riformi għall-Bank Ċentrali. Nofs il-ħin ingħata biex issir diskussjoni miftuħa li rriżultat f'interess kbir fis-suġġetti. Din il-laqgħa kellha attendenza tajba ħafna u kienet opportunità eċċellenti għall-membri tal-MASS biex jespandu l-għarfien tagħhom dwar il-komunikazzjoni finanzjarja internazzjonali.

**Fis-16 ta' April 2026**, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, attendiet għal laqgħa ta' informazzjoni mal-kumpanija MIDI u din saret fl-uffiċini tagħhom f'Manoel Island. F'isem il-kumpanija MIDI attendew l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Mark Portelli, u l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Jesmond Micallef. Is-Sur Portelli spjega li l-awditjar mad-Dipartiment tal-Artijiet kien wasal fi tmiemu. Kompla jgħid li l-kumpanija kienet iltaqgħet mal-i*stockbrokers* u, għaldaqstant, xtaqet tiltaqa' magħna biex tinfurmana bl-aħħar żviluppi.

Huwa spjega fid-dettal x'kien ġara. It-talba oriġinali kienet tammonta għal €84 miljun, inklużi l-imgħaxijiet. Il-kumpanija ma riditx tidħol f'kawża fil-Qorti, li kif jaf kulħadd setgħet iddum bejn tmien u għaxar snin biex tinqata'. Fl-aħħar nett, il-kumpanija laħqet ftehim mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex titħallas €55 miljun, iżda dan il-ftehim ma ġiex aċċettat mill-Gvern. Min-naħa tiegħu, il-Gvern offra €44.8 miljun, flimkien ma' €2.5 miljun relatati mal-Fortini. Wara l-aġġustamenti kollha, il-valur finali tal-ftehim wasal għal madwar €43 miljun, eskluża l-VAT.

Is-Sur Portelli qal li l-kumpanija ma aċċettatx din l-offerta mill-ewwel, iżda eventwalment sabet ruħha quddiem sitwazzjoni ta' *take it or leave it* u kellha tieħu deċiżjoni immedjata. Għalhekk, peress li ma kienx hemm alternattiva realistika oħra, ir-rakkomandazzjoni tal-Bord kienet li l-azzjonisti jivvutaw favur il-ftehim. Huwa spjega wkoll li l-pass li kien imiss kien li tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-azzjonisti tal-MIDI, sabiex jittieħed vot għall-approvazzjoni tal-ftehim. Wara dan, jiġu stabbiliti d-djun pendenti u, matul ix-xahar ta' Lulju li ġej, għandu jibda l-proċess tal-ħlas lill-*bondholders*.

Dwar il-valur nett tal-assi (*NAV*), intqal li dan naqas minn 43 ċenteżmu għal 24 ċenteżmu għal kull sehem, filwaqt li hemm il-possibbiltà li sa tmiem l-2026 jerġa' jitla' għal madwar 30 ċenteżmu. Fl-aħħar tal-laqgħa, il-kumpanija sostniet li dan il-ftehim kien fl-aħjar interess tal-azzjonisti kollha. Ġie spjegat ukoll li l-ftehim finali jirrappreżenta valur li huwa madwar 36% inqas mill-valutazzjoni li kienet ġiet miftiehma mal-awdituri tad-Dipartiment tal-Artijiet, jiġifieri differenza ta' madwar €20 miljun.

**Fit-22 ta' April**, filgħaxija, membru mill-Kumitat tal-MASS, attenda għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-fondi tal-APS Bank. Din il-laqgħa saret fil-Lukanda Phoenicia, il-Furjana. L-aġenda tal-laqgħa kienet tinkludi ħarsa lejn l-ekonomija globali u s-swieq finanzjarji. Sussegwentement, il-kelliema tkellmu dwar il-fondi tal-APS, jiġifieri l-APS Ethical Cautious Fund, l-APS Ethical Balanced Fund u l-APS Ethical Adventurous Fund. Wara, saret








preżentazzjoni dwar l-APS Diversified Bond Fund. Ingħatat ukoll spjegazzjoni dwar l-ekonomija Maltija, inkluż l-andament tas-swieq finanzjarji. Il-laqgħa kompliet b'diskussjoni dwar l-APS Income Fund. Fl-aħħar nett, ingħatat ħarsa lejn l-istrateġija tal-investiment domestiku għall-ewwel nofs tas-sena 2026.

**Fl-24 ta' April**, wara nofsinhar, membri tal-Kumitat tal-MASS attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kumpanija AX Real Estate li saret fil-Lukanda Odycy, fil-Qawra. Fil-laqgħa ntqal li l-ishma ta' AX Real Estate plc żdiedu b'36.4% biex laħqu l-ogħla livell tagħhom f'sena, dak ta' €0.45 għal kull sehem. Id-dħul żdied b'11.5% għal €21.6 miljun, prinċipalment minħabba s-segment tal-ospitalità, fejn il-lukandi kollha qabżu l-aspettattivi, b'riżultati aħjar mid-dħul u l-profitti operattivi previsti.



Wara l-esklużjoni tal-movimenti fil-valur ġust (*fair value*) tal-proprjetà ta' investiment, il-profitt operattiv tal-Grupp żdied bi 12.7% għal €20.8 miljun. Il-prestazzjoni finanzjarja kienet ukoll effettwata b'mod pożittiv minn żjieda ta' €13.5 miljun fil-valur ġust tal-proprjetà ta' investiment, b'kuntrast mat-tnaqqis ta' €0.7 miljun li kien ġie rikonoxxut fis-sena finanzjarja preċedenti. Din ir-rivalutazzjoni kienet prinċipalment ġejja mill-proprjetajiet tal-Qawra wara l-prestazzjoni eċċellenti tal-AX Odycy Hotel and Lido sa minn meta reġgħu nfetħu l-bibien għall-pubbliku.

AX Real Estate irrappurtat profitt nett ta' €21.8 miljun, meta mqabbel ma' €7.6 miljun fis-sena finanzjarja preċedenti. L-ekwità totali żdiedet b'10.6% (jew €14.6 miljun) għal €151.7 miljun, li tissarraf f'valur nett tal-assi (*Net Asset Value*) ta' €0.553 għal kull sehem. Id-Diretturi ddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jqassmu dividend finali gross ta' €0.02586 għal kull sehem (nett: €0.02198). Meta dan id-dividend jiġi miżjud mad-dividend interim nett ta' €0.0152 għal kull sehem li tħallas fil-15 ta' Settembru 2025, id-dividend nett totali attribwibbli għas-sena finanzjarja 2024/25 jammonta għal €0.037181 għal kull sehem, jiġifieri aktar mid-doppju tad-dividendi mqassma għas-sena finanzjarja 2023/24. Barra minn hekk, waqt din il-laqgħa, id-Diretturi ipproponew ukoll programm ta' xiri mill-ġdid tal-ishma (*share buyback programme*) b'valur ta' €1 miljun.

**Fis-27 ta' April 2026,** filgħodu, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, attendiet għal laqgħa ta' informazzjoni organizzata mill-kumpanija IHI plc, li saret fil-Lukanda Corinthia Palace f'Ħ'Attard. Qabel bdiet il-laqgħa formali, il-membri tal-kumitat kellhom laqgħa qasira li matulha ngħatat spjegazzjoni dwar it-taxxa fuq id-dividend li kien se jitħallas mill-IHI. Is-Sur Neville Fenech, Uffiċjal Kap Finanzjarju tal-kumpanija, spjega li t-taxxa ta' 15% ma kinitx *final withholding tax* u għaldaqstant dawk li ma jkunux suġġetti għat-taxxa jistgħu jitolbu rifużjoni tagħha.



Meta bdiet il-laqgħa formali, iċ-Ċermen, is-Sur Alfred Pisani, għamel introduzzjoni u tkellem dwar il-logo u l-istorja tal-kumpanija sa mill-bidu tagħha fl-1966 u l-1967. Huwa spjega li fil-bidu l-kumpanija kienet magħrufa bħala Corinthia, iżda aktar tard bidlet isimha għal IHI. Ġie spjegat ukoll li fl-aħħar xhur kien introdott innu uffiċjali għall-kumpanija, u ntwera filmat li wera l-proċess tar-reġistrazzjoni tiegħu. Sussegwentement, is-Sur Pisani introduċa lill-membri tal-*panel* u spjega li l-kumpanija biegħet 72% tal-lukanda tagħha f'Lisbona. Dan sar sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija, jitnaqqas id-dejn u fl-istess ħin ikunu jistgħu jerġgħu jibdew jitħallsu d-dividendi lill-azzjonisti.





Huwa qal li fil-preżent il-Grupp huwa sid ta' 12-il lukanda, filwaqt li s-sussidjarja Corinthia Palace Hotel Company Limited (CPHCL), tmexxi 32 lukanda madwar id-dinja. Semma wkoll lis-sussidjarja Verdi Hotels. Iċ-Ċermen żied li qed isiru sforzi sabiex tinbiegħ il-lukanda ta' Praga sa tmiem din is-sena, jew fil-bidu tas-sena d-dieħla. Huwa qal ukoll li fil-futur il-kumpanija qed tikkunsidra *second listing* fuq borża oħra. Fir-rigward tal-proġett ta' Ħal Ferħ, wara 5 snin ta' stennija, il-kumpanija finalment kisbet il-permessi kollha meħtieġa biex tibda x-xogħlijiet.

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Simon Naudi, għamel preżentazzjoni dwar l-aktar żviluppi importanti tal-2025. Huwa spjega li nfetħu erba' lukandi ġodda f'Ruma, Bukarest, Brussell u New York. Barra minn hekk, hemm negozjati avvanzati għal proġetti ġodda fil-Lag ta' Como, il-Puglia, it-Toskana u ċ-Ċina. Sar progress ukoll fuq proġetti f'Dubai, Rijad, Doha u fil-Maldives. Rigward il-lukanda ta' Lisbona, ġie spjegat li din inbiegħet b'valur ogħla mill-valutazzjoni tagħha, filwaqt li l-lukanda ta' Praga rat żieda fil-valutazzjoni tagħha u għalhekk tqiegħdet ukoll għall-bejgħ. Is-Sur Naudi tkellem ukoll dwar il-bond li reċentement ġie maħruġ biex jiffinanzja l-iżvilupp ta' Beverly Hills fl-Istati Uniti, kif ukoll dwar diversi proġetti oħra li l-kumpanija qed taħdem fuqhom.

Saret ukoll preżentazzjoni dwar ir-riżultati finanzjarji tal-Grupp. Ġie spjegat li l-livell tad-dejn kompla jonqos, filwaqt li l-assi tal-kumpanija laħqu kważi €2 biljun. In-*Net Asset Value* għal kull sehem laħaq €1.52, meta mqabbel ma' €1.46 fis-sena ta' qabel.

Fl-għeluq tal-laqgħa, is-Sur Pisani għamel il-kummenti finali tiegħu, segwiti minn sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Saru mistoqsijiet dwar iż-żewġ bonds li se jimmaturaw matul din is-sena. F'isem il-MASS, is-Sur Albert Azzopardi staqsa dwar il-pożizzjoni tal-kumpanija fid-dawl tal-gwerer u l-inċertezzi internazzjonali li jistgħu jaffettwaw l-ivvjaġġar, it-turiżmu u s-settur tal-lukandi. Fir-risposta tagħhom, il-kelliema qalu li ħadd ma jista' jbassar x'se jiġri fil-futur, iżda sa dak iż-żmien il-kumpanija ma kienet rat l-ebda impatt negattiv. Huma żiedu li matul l-istorja tagħha l-kumpanija għaddiet minn diversi kriżijiet internazzjonali u dejjem irnexxielha tegħlibhom.

**Fis-27 ta' April 2026**, f'nofsinhar, saret laqgħa tas-Sottokumitat tal-MASS fil-Lukanda Corinthia Palace, f'Ħ'Attard. Din il-laqgħa saret bħala preparazzjoni għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' MIDI plc li kellha ssir l-għada. Jumejn wara, fuq il-programm *Il-Każin* fuq YouTube, kellha ssir taħdita mill-Ministru tal-Artijiet, Dr Owen Bonnici, dwar l-istess suġġett tal-MIDI. Il-MASS kienet mistiedna tipparteċipa f'dan il-programm u l-Kumitat iddeċieda li jien, Tarcisio Barbara, naghti l-opinjoni tal-Assoċjazzjoni dwar dan is-suġġett. Għaldaqstant, matul din il-laqgħa ħejjejna numru ta' mistoqsijiet kif ukoll il-punti ewlenin u l-kummenti li kellhom jiġu ppreżentati waqt dan il-programm.

**Fit-28 ta' April 2026,** wara nofsinhar, saret il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-kumpanija MIDI plc, fil-Lukanda Phoenicia, il-Furjana. Fil-bidu tal-laqgħa saret introduzzjoni mis-Sur Alec Mizzi, Ċermen tal-Kumpanija, li spjega kif kienet se titmexxa l-laqgħa. Wara, is-Segretarja tal-Kumpanija, Dr Catherine Formosa, qrat l-avviż uffiċjali tal-laqgħa.

Sussegwentement, iċ-Ċermen għamel preżentazzjoni dettaljata dwar il-kwistjoni ta' MIDI u l-iżvilupp propost fuq Manoel Island. Huwa ta rendikont tal-istorja kollha tal-proġett u spjega d-diversi fatturi li wasslu għad-dewmien matul is-snin. Fost dawn semma d-diskussjonijiet twal mal-Gvern, li damu għaddejjin għal ħafna snin, kif ukoll investigazzjonijiet arkeoloġiċi li wasslu għal aktar dewmien fl-iżvilupp. Huwa rrefera wkoll għall-isfidi li nqalgħu mal-Awtorità tal-Ippjanar, inklużi diversi appelli, kif ukoll għall-istudji u l-*assessments* li saru mill-entitajiet tal-wirt kulturali, li komplew ikkumplikaw il-proċess.



Fl-2021, il-kumpanija bdiet tfittex sieħeb strateġiku sabiex il-proġett ikun jista' jimxi 'l quddiem. Fl-istess żmien kienu nbdew diskussjonijiet sabiex tingħata estensjoni ta' 10 snin għall-konċessjoni, minħabba d-dewmien li kien seħħ. Madankollu, kif jaf kulħadd, inġabret petizzjoni b'aktar minn 29,000 firma kontra l-iżvilupp ta' Manoel Island, u dan wassal biex iċ-ċirkostanzi jinbidlu sostanzjalment. Il-Gvern ukoll biddel il-pożizzjoni tiegħu dwar il-proġett.

Ġie spjegat li MIDI ma talbitx kumpens għall-profitti futuri li setgħu jsiru mill-proġett, iżda talbet biss rimborż tal-ispejjeż li kienet diġà ġarrbet. Madankollu, il-Gvern ħareġ żewġ ittri ġudizzjarji relatati mal-konċessjoni kollha, jiġifieri Manoel Island u Tigné Point, u dan ħoloq riskju serju għall-kumpanija. Dan ir-riskju kien jinkludi l-possibbiltà li l-kumpanija ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha lejn il-banek u l-*bondholders*, filwaqt li l-azzjonisti kienu wkoll f'riskju li jitilfu parti sostanzjali mill-investiment tagħhom. Barra minn hekk, kien hemm il-possibbiltà li jitħassru l-konvenji tal-bejgħ tal-aħħar blokka ta' appartamenti u li l-ħlasijiet li kienu diġà saru jkollhom jiġu rifużi lix-xerrejja.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Bord sostna li l-kumpanija ma kellhiex alternattiva oħra għajr li ċċedi l-konċessjoni ta' Manoel Island. Intqal ukoll li l-Gvern kien imblokka t-trasferiment tal-Forti Manoel. Il-kumpanija setgħet tagħżel li tmur il-qorti, iżda ttieħdet id-deċiżjoni li dan ma jsirx, prinċipalment minħabba li l-bond ewlieni tal-kumpanija kien se jimmatura f'Lulju li ġej, filwaqt li kawża fil-qorti kienet mistennija tieħu ħafna snin biex tinqata'.

Meta ġew konklużi n-negozjati mal-Gvern, l-ispejjeż rikonoxxuti lil MIDI tnaqqsu sostanzjalment u l-kumpanija kienet se tirċievi madwar €42.7 miljun netti wara l-VAT. Il-Bord stqarr li ma kienx iqis din l-offerta bħala waħda ġusta, iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi kien qed jirrakkomanda lill-azzjonisti biex jivvutaw favur ir-riżoluzzjoni.

Matul il-ħin tal-mistoqsijiet, jien, Tarcisio Barbara, f'isem il-MASS, qrajt dikjarazzjoni u appellajt lill-azzjonisti kollha preżenti sabiex jivvutaw favur ir-riżoluzzjoni. Għal aktar dettalji, wieħed jista' jirreferi għad-dikjarazzjoni li qed tiġi riprodotta f'paġna 16.

Is-Sur Alfred Portelli, President Onorarju tal-MASS, talab li jiġi rreġistrat fil-minuti li l-MASS kienet se tivvota favur ir-riżoluzzjoni taħt protesta, kif kien ġie spjegat fid-dikjarazzjoni ppreżentata mir-rappreżentant tal-Assoċjazzjoni. F'dan il-punt, iċ-Ċermen talab kopja tad-dikjarazzjoni sabiex tiġi mehmuża mar-rekords tal-laqgħa. Sussegwentement inqrat ir-riżoluzzjoni u s-Sur Mizzi talab li l-vot jittieħed bil-miktub. Wara li ngħaddu l-voti kollha, ġie mħabbar li 96% tal-voti kienu favur ir-riżoluzzjoni, li għaldaqstant għaddiet b'maġġoranza kbira ħafna.

**Fis-29 ta' April 2026**, filgħodu, membri mill-Kumitat tal-MASS attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Bank HSBC Malta plc, li saret fil-Lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan. Fil-bidu tal-laqgħa saret introduzzjoni qasira miċ-Ċermen tal-Bank, is-Sur Manfred Galdes. Wara, Dr Paula Mamo, Segretarja tal-Bord, qrat l-avviż uffiċjali tal-laqgħa. Is-Sur Galdes imbagħad introduċa lill-membri tal-Bord tad-Diretturi.

Fid-diskors tiegħu, iċ- Ċermen ta aġġornament dwar it-transazzjoni proposta bejn HSBC Bank Malta plc u CrediaBank. Huwa spjega li din it-transazzjoni kienet għadha suġġetta għall-approvazzjonijiet meħtieġa mir-regolaturi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.













Sussegwentement, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Geoffrey Fichte, għamel il-preżentazzjoni tiegħu dwar ir-riżultati u l-operat tal-Bank. Huwa spjega li l-Bank irreġistra tkabbir rekord fid-depożiti u fis-servizzi tal-*wealth management*. Tħabbar ukoll dividend gross ta' 8.4 ċenteżmi għal kull sehem, li jirrappreżenta *payout ratio* ta' 60%. Ingħad ukoll li matul l-2025 tħallsu dividendi li b'kollox ammontaw għal 18.4 ċenteżmi għal kull sehem, l-ogħla dividend li qatt tqassam mill-Bank. Barra minn hekk, is-self lill-klijenti żdied b'10% meta mqabbel mas-sena preċedenti. L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv semma wkoll li l-Bank rebaħ il-premju prestiġjuż *Bank of the Year in Malta* għall-2025.

Wara, is-Sinjura Charlotte Cilia, Uffiċjal Kap Finanzjarju, ippreżentat ir-riżultati finanzjarji tal-Bank għas-sena finanzjarja 2025. Hija qalet li l-profitt qabel it-taxxa kien ta' €109 miljun, meta mqabbel ma' €154.5 miljun fl-2024, li jirrappreżenta tnaqqis ta' madwar 29%.

Fl-għeluq tal-laqgħa, iċ-Ċermen irringrazzja lill-MASS għall-kollaborazzjoni tajba li teżisti bejn iż-żewġ entitajiet. Wara, is-Segretarja qrat ir-riżoluzzjonijiet li kellhom jitressqu għall-approvazzjoni tal-azzjonisti. Ir-rapport qasir tal-awdituri nqara mis-Sur Norbert Vella minn PricewaterhouseCoopers. Ir-riżoluzzjonijiet kollha tressqu għall-vot u ġew approvati mill-azzjonisti. Fl-aħħar nett, saret sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet, li matulha l-azzjonisti kellhom l-opportunità li jressqu l-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom lill-Bord tad-Diretturi u lill-amministrazzjoni tal-Bank.









**Fis-29 ta' April 2026**, filgħaxija, kien irrekordjat il-programm *Il-Każin*, li għalih kien mistieden il-Ministru tal-Artijiet, Dr Owen Bonnici, sabiex jitkellem dwar is-saga tal-MIDI u l-proġett ta' Manoel Island. Il-programm ġie ffilmjat fil-Palazz tal-Gran Mastru, fil-Belt Valletta u għalih attendew diversi ambjentalisti, kif ukoll 4 membri mill-Kumitat tal-MASS. Jien, Tarcisio Barbara, kont il-kelliem f'isem il-MASS, fejn esprimejt il-fehma tal-azzjonisti minoritarji tal-MIDI dwar l-iżviluppi li kienu qed iseħħu f'din il-kwistjoni u l-impatt tagħhom fuq l-investiment tal-azzjonisti. Għal aktar dettalji dwar id-diskussjoni li saret u l-pożizzjonijiet li ġew espressi matul il-programm, wieħed jista' jara l-programm *Il-Każin* fuq YouTube "Owen Bonnici – Is-Saga ta' Manoel Island". Hawnhekk għandkom ukoll il-link fuq Facebook tal-parteċipazzjoni tiegħi f'dan il-programm:

https://www.facebook.com/share/v/1NCp9E35Au/

**Fit-30 ta' April 2026,** filgħodu, membri mill-Kumitat tal-MASS attendew il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-kumpanija MAPFRE, li saret fil-Lukanda Phoenicia, il-Furjana. Iċ-Ċermen, is-Sur Martin Galea, għamel introduzzjoni qasira, filwaqt li s-Segretarja, Dr Daphne Sims Dodebier qrat l-avviż tal-laqgħa. Wara, iċ-Ċermen għamel il-messaġġ tiegħu, fejn stqarr li s-sena li għaddiet kienet waħda ta' suċċess. Huwa ta spjegazzjoni dwar l-andament tal-kumpanija u tas-sussidjarji tagħha matul is-sena finanzjarja li għaddiet. Intqal ukoll li 13% tal-ishma tal-kumpanija huma *free float*, li jammontaw għal madwar 3,700 azzjonist. Fl-aħħar nett huwa rringrazzja lill-azzjonisti, lill-klijenti u lill-impjegati għall-kontribut tagħhom.











L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Etienne Sciberras, għamel il-preżentazzjoni tiegħu, li kienet maqsuma f'erba' taqsimiet. Fl-ewwel waħda tkellem dwar is-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika tal-2025. Fit-tieni taqsima ppreżenta r-riżultati finanzjarji tal-2025, li ddeskriva bħala sena rekord għall-Grupp MAPFRE. Fit-tielet taqsima tkellem dwar l-istrateġija u l-pjan ta' ħidma għall-perijodu bejn l-2024 u l-2026. Ir-raba' taqsima kienet iffukata fuq l-andament finanzjarju tal-kumpanija, fejn ġew spjegati fid-dettal il-figuri ewlenin.

Intqal li n-negozju kiber b'4.5%, filwaqt li l-*earnings per share* żdiedu b'19.4%. Is-Sur Sciberras ta wkoll ħarsa 'l quddiem lejn is-settur tal-assigurazzjoni u l-opportunitajiet li qed joffru. Huwa tkellem dwar id-diversi kategoriji ta' assigurazzjoni li toffri l-kumpanija, b'enfasi partikolari fuq il-Life Business. Aktar tard daħal fid-dettal dwar il-fondi ta' investiment immexxijin mill-kumpanija. Fl-aħħar nett ta ħarsa lejn il-prijoritajiet strateġiċi għall-2026.

Wara l-preżentazzjoni ntwera vidjo qasir dwar MAPFRE. Sussegwentement, is-Segretarja qrat ir-riżoluzzjonijiet li kellhom jiġu approvati. Matul il-ħin allokat għall-mistoqsijiet, il-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, irringrazzja lill-kumpanija u feraħ lill-Bord u lill-maniġment għar-riżultati miksuba kif ukoll għall-preżentazzjoni eċċellenti li saret.

Ħafna mill-mistoqsijiet li saru kienu relatati mal-bejgħ tal-ishma ta' Plaza Centres plc, fejn ġie spjegat li l-kumpanija xtaqet tikkristallizza l-investiment tagħha sabiex tinvesti l-fondi f'opportunitajiet oħra li jistgħu jagħtu rendiment aħjar. Saru wkoll mistoqsijiet dwar il-pensjonijiet, it-taħriġ tal-impjegati, il-benefiċċji tal-*loyalty card*, l-iskonti fuq il-poloz tal-assigurazzjoni, il-proċess ta' *rebranding* tal-kumpanija, it-trasformazzjoni diġitali tagħha u l-*app* diġitali ġdida li kienet se tiġi introdotta. Fl-aħħar nett, ir-riżoluzzjonijiet kollha ġew approvati unanimament.

**Fit-30 ta' April 2026,** wara nofsinhar, membri mill-Kumitat tal-MASS, ipparteċipaw onlajn f'laqgħa organizzata mill-Bank APS dwar ir-riżultati finanzjarji tal-ewwel kwart tas-sena 2026. Fil-bidu tal-laqgħa, il-Kap Eżekuttiv tal-Bank, is-Sur Marcel Cassar, għamel introduzzjoni fejn stqarr li s-sena 2026 bdiet b'mod sod ħafna, b'żieda fil-profitt u riżultati pożittivi. Huwa esprima t-tama li l-Bank ikompli jżomm dan ir-ritmu tul il-kumplament tas-sena.




L-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Ronald Mizzi, għamel preżentazzjoni dwar ir-riżultati finanzjarji. Huwa qal li l-profitt wara t-taxxa għall-ewwel kwart tela' għal €5.9 miljun, meta mqabbel ma' €1.4 miljun fl-istess perijodu tas-sena ta' qabel. In-negozju kompla jikber b'volumi sostanzjali, filwaqt li s-self żdied b'mod sinifikanti. Id-depożiti wkoll irreġistraw żjieda, u b'hekk

komplew isaħħu l-bażi ta' finanzjament tal-Bank. Is-Sur Mizzi ħabbar ukoll li l-Bank se jiftaħ fergħa ġdida f'Raħal Ġdid. Meta tkellem dwar il-ġestjoni tal-assi, huwa spjega li dawn qed jiġġeneraw rendiment aħjar u li l-likwidità tal-Bank baqgħet b'saħħitha. Huwa sostna li dawn il-fatturi jipprovdu bażi soda biex il-Bank ikompli jikber fis-snin li ġejjin.







Wara, is-Sur David Lanzon, *Senior Portfolio Manager*, ta ħarsa lejn l-andament tas-swieq finanzjarji, filwaqt li warajh, is-Sur Michael Tabone, *Portfolio Manager*, tkellem dwar ir-rati tal-imgħax u l-iżviluppi fis-swieq kemm lokali kif ukoll internazzjonali.

Il-laqgħa kienet immexxija mill-moderatriċi, is-Sinjura Ida Cassola, li mexxiet is-sessjoni tal-mistoqsijiet mibgħuta mill-parteċipanti. Min jixtieq jara r-reġistrazzjoni ta' din il-laqgħa jista' jagħmel dan permezz tas-sit elettroniku tal-Bank APS.

## Uħud mill-Ewwel Fuljetti tal-MASS li ħarġu



NEWSPAPER POST

SHAREHOLDERS' NEWS

Malta Association of Small Shareholders VO/0629

Frar 2014 Ħarġa Nru. 2

*Tagħrif siewi għall-'investituri ż-żgħar' kollha!*

Se ssir konferenza pubblika nhar l-Erbgħa, 19 ta' Frar fis-6.00 p.m. fir-Radisson Blu Resort St. Julians, f'sala ġentilment offruta lilna mill-Island Hotels Group plc.

Il-suġġett hu 'Żbalji u riskji fl-investimenti'. Il-kelliemi se kun is-Sur Joseph M. Formosa, li għandu esperjenza kbira ..................................

Dħul b'xejn. Parking pubbliku viċin il-ħotel.

*Editorjal...* Bħal ma jidher minn din l-edizzjoni tan-newsletter qegħdin bil-mod il-mod intejbu d-dehera u l-kontenut tagħha. Bil-mod....għax jenħtieġ ħafna xogħol li jrid isir minn nies li għandom biss ftit ħin liberu biex jiddedikawh għall-Assoċjazzjoni.

Xi membri talbuna niktbu ukoll xi ftit bl-Ingliż u qed nikkuntentawhom.

Bil-kuraġġ li tagħtuna intom il-membri, u oħrajn li m'humiex, nagħmlu mill-aħjar biex inkomplu mexjin. Din hi mixja iebsa li naħdmu favur l-azzjonisti żgħar li huma f'minoranza meta niffaċċjaw Board of Directors li ilhom f'din il-kariga għall bosta snin.

Ikompli fl-aħħar paġna

*Malta Association of Small Shareholders.*
*c/o 46, St. Bosco, Triq Borg, Fleur de Lys. Birkirkara.*
*mass2012@outlook.com mob. 79065232 (1600-2000hrs) tel. 21576411.*
*Ħlas ta' sħubija: - €5 fis-sena*

addressee



*Lulju 2017 Ħarġa. Nru.29*

SHAREHOLDER'S NEWS

Malta Association of Small Shareholders - MASS VO 0629

*Address: 52, School Street, Safi SFI 1406 - Malta*
*website: mass.org.mt email:info@mass.org.mt*

MASS

Editorjal *minn Tarcisio Barbara*

Ħbieb, nispera li lkoll tinsabu tajbin, kif ninsabu aħna wkoll. Kif wegħdtkom fl-aħħar Newsletter, issa dan il-magazin qed jasal għandkom bil-kulur u bil-format A4. Se nippruvaw nibgħatuh kull 3 xhur. Nibda minnufih ngħid x'ser ikun fiha din in-Newsletter u wara se nagħti wkoll rendikont qasir ta' dak li l-MASS tkun għamlet mill-ħarġa ta' qabel u dan sabiex inżommukom aġġornati bil-ħidma tal-MASS.

Wara l-**Editorjal** u l-**Impenji tal-MASS** miktuba minni, issibu **L-Investituri Maltin jippreferu l-Investiment Lokali**, u dan minn stħarriġ li sar mill-Kumpanija tar-riċerka Misco għall-BOV Asset Management. Wara ssibu **Ringrazzjament minn Dr. Cory Greenland** wara li reġá ġie elett Direttur fil-Kumpanija Malta Properties Company. Imbagħad għandna artiklu **Protecting Small Investors**, miktub mit-Teżorier tal-MASS Saviour Buttigieg. Is-Sur Edward Rizzo jkollu diversi artikli tajbin fuq is-suq finanzjarju u llum qed inġibu **The Return on Equity League Table**. Wara ssibu artiklu: **Company Tax System**. L-aħħar artiklu huwa: **Malta After Brexit – Our Way Forward**. Fl-aħħar paġna ta' din in-Newsletter issibu wkoll l-**Avviż tal-Konferenza** li jmiss u l-**Applikazzjoni għal Sħubija fil-MASS**. Għandkom ukoll xi **Ritratti**.

M'hemmx dubju li se ssibu din ir-rivista interessanti wkoll; nixtieq
u nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nirringrazzjakom ħafna tal-appoġġ u nirringrazzja b'mod speċjali lill-isponsors kollha li tarawhom fil-lista **MASS Sponsors** fl-aħħar paġna.

**Impenji tal-MASS.**

**Fit-3 ta' Mejju 2017**, kellna laqgħa ta' informazzjoni mill-IHI flimkien mal-iStockbrokers, fejn tħabbru r-riżultati tas-sena 2016. Wara l-laqgħa ressaqna proposti biex titjieb is-sistema tal-benefiċċji lill-Azzjonisti.

**Fit-23 ta' Mejju 2017**, għamilna l-konferenza li nagħmlu kull xahar; din id-darba kienet fil-Lukanda Raddison San Ġiljan. Il-Kelliemi kien is-Sur Mark Vella – Head Business Development & Marketing u s-suġġett kien: Fondi ta' Investiment (Investment Funds).

**Fl-1 ta' Ġunju 2017**, kellna laqgħa ta' informazzjoni mal-Kumpanija Simonds Farsons Cisk, flimkien mal-iStockbrokers, fejn tħabbru r-riżultati tas-sena 2016/17. Saret preżentazzjoni u informazzjoni wkoll fuq il-qasma tal-ishma f'żewġ Kumpaniji separati: Simonds Farsons Cisk u Trident Estates.

**Fl-1 ta' Ġunju 2017**, filgħaxija kellna Laqgħa mas-CEO tal-Global Capital, is-Sur Reuben Zammit u tkellimna fuq ir-riżoluzzjonijiet straordinarji li kellhom jittieħdu fil-ġranet ta' wara, li jirrigwardjaw ir-Rights Issue.

**Fit-13 ta' Ġunju 2017**, kellna laqgħa oħra maċ-Chairman tal-Borża ta' Malta, is-Sur Joseph Portelli, fejn erġajna tkellimna fuq is-*survey* li se nagħmlu u fuq in-Newsletter. Iċ-Chairman wiegħed li se jagħti appoġġ lil MASS permezz ta' għajnuna finanzjarja, kif ukoll permezz ta' reklam lill-MASS fuq il-websajt tal-Borża ta' Malta.

**Fit-13 ta' Ġunju 2017**, kellna wkoll il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fejn tkellimna fuq diversi suġġetti mod speċjali fuq l-andament ta' diversi LĠA li kienu qed isiru.

**Fis-16 ta' Ġunju 2017**, jien u s-Sur Anthony Farrugia membri fil-Kumitat tal-MASS, kellna intervista mill-Kumpanija tar-riċerka BRNDWGN fin-Naxxar, rigward is-servizzi li tagħti il-Kumpanija Global Capital.

**Fl-20 ta' Ġunju 2017**, għamilna konferenza fil-Lukanda Corinthia - Attard bis-suġġett: Profit & Loss Account mill-Kelliem: Dr. Ivan Paul Grixti.

**Fl-4 ta' Lulju 2017**, kellna laqgħa mal-GO: mas-CEO il-ġdid is-Sur Attila Keszeg u s-Segretarju, is-Sur Francis Galea Salomone. L-aktar li tkellimna kien fuq l-għaqda(merger) tal-Kumpaniji Vodafone u Melita.

Għal-lum se nieqaf hawn u jekk Alla jrid niltaqgħu wara s-Sajf b'ħarġa oħra tan-Newsletter.

Indirizz

Editur u ssettjar: Tarcisio Barbara
Disinn tal-Logo u Stampat:
Print Right Ltd. - Qormi

*Kull ma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.*

NEWSPAPERPOST

1

## Messaġġ mill-MASS - Laqgħa Ġenerali Straordinarja MIDI

Sur Ċermen, L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lilek u lill-Bord kollu, għad-diversi laqgħat li saru mal-MASS f'dawn l-aħħar ġimgħat u xhur, wara l-kwistjoni li nqalgħet dwar il-proġett ta' Manoel Island. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Mark Portelli u lis-Sur Jesmond Micallef tal-informazzjoni li tawna dwar il-proċess relatat ma' din il-kwistjoni u li din l-informazzjoni aħna wassalnieha lill-membri tagħna.

Għall-informazzjoni ta' kulħadd u ta' dawk l-azzjonisti kollha hawn preżenti, nixtiequ ninfurmaw li f'dan il-każ aħna, bħala assoċjazzjoni, għamilna dak kollu li stajna biex din il-kwistjoni tissolva fl-aħjar interess tal-*bondholders* u l-azzjonisti kollha. Fost oħrajn, kellna laqgħa mal-Prim Ministru, Dr Robert Abela, flimkien mal-Ministru responsabbli mill-Awtorità tal-Ippjanar, il-Perit Clint Camilleri, f'Kastilja fis-6 ta' Ġunju 2025, fejn iddiskutejna dan is-suġġett fit-tul. F'dik il-laqgħa fakkarniehom li, jekk il-konċessjoni kellha titwaqqaf, aħna bħala azzjonisti u *bondholders* kellna nkunu kkumpensati kif xieraq. Il-Prim Ministru rrikonoxxa li, għalkemm ma

teżistix obbligazzjoni legali biex tinstab soluzzjoni, hemm obbligu morali ċar biex dan isir. Huwa ammetta wkoll li, sal-jum tal-laqgħa, soluzzjoni kienet għadha ma nstabitx. Intlaħaq qbil unanimu li għandha tinstab soluzzjoni bilanċjata li ma tagħmel ħsara lil ħadd – la lil dawk li qed jipprotestaw, la lill-kumpanija, u lanqas lill-*bondholders* u lill-azzjonisti.

Aħna ma waqafniex hemm. Tlabna wkoll laqgħa mal-Ministru tal-Artijiet, Dr Owen Bonnici, fejn delegazzjoni tal-assoċjazzjoni tagħna ltaqgħet miegħu fl-uffiċċju tiegħu f'Palazzo Lucia, il-Belt Valletta, fid-9 ta' Ottubru 2025, u komplejna niddiskutu dan il-każ fid-dettal.

Madankollu, bħala azzjonisti, illum ninsabu ddiżappuntati bir-riżultati tal-laqgħat bejn il-Gvern u l-Kumpanija MIDI. Kif jaf kulħadd mill-kontijiet awditjati u mill-ftehim li kien intlaħaq mal-Awtorità tal-Artijiet, kien hemm tnaqqis ta' €20 miljun.

Kif qed jidhru l-kontijiet tal-MIDI bħalissa, il-*bondholders* li għandhom il-bonds li jimmaturaw f'Lulju li ġej, ma jidhrux li se jiffaċċjaw problemi, peress li dawn mistennija jitħallsu lura kif dovut. Madankollu, wara t-tnaqqis ta' €20 miljun minn dak li kien ġie maqbul, dan it-telf se jinġarr mill-azzjonisti.

Ta' min infakkar li meta ħafna minna investejna fil-kumpanija MIDI, il-prezz tal-ishma fl-IPO kien ta' 45 ċenteżmu. Is-sena li għaddiet, skont il-kontijiet awditjati ppreżentati mill-kumpanija u maqbula mad-Dipartiment tal-Artijiet, il-valur nett tal-assi għal kull sehem (NAV) kien ta' 43 ċenteżmu. Issa, skont l-informazzjoni li rċevejna reċentement, dan il-valur mistenni jinżel għal madwar 29 ċenteżmu sal-aħħar ta' din is-sena u dan wara li jitħallsu l-*bondholders*. Dan ifisser li se jkun hemm telf sostanzjali għall-azzjonisti kollha.

Barra minn hekk, irridu nfakkru li fl-aħħar snin l-azzjonisti tal-MIDI diġà sofrew telf minħabba nuqqas ta' dividendi. Għaldaqstant, issa qed jiffaċċjaw telf addizzjonali minħabba dan it-tnaqqis sostanzjali.

Biex nagħlaq, bħala assoċjazzjoni qed nirrakkomandaw lill-azzjonisti kollha preżenti, sabiex jivvutaw favur ir-riżoluzzjoni. Madankollu, din ir-rakkomandazzjoni qed issir taħt protesta minħabba r-raġunijiet li semmejt. Dan għaliex, jekk ir-riżoluzzjoni ma tgħaddix, hemm riskju li l-kwistjoni tispiċċa l-Qorti, li jista' jwassal għal pożizzjoni ferm agħar minn dik attwali u li tieħu numru ta' snin.

Għaldaqstant, nagħmlu appell biex kulħadd jivvota favur ir-riżoluzzjoni, iżda b'mod ċar u espliċitu taħt protesta.

Grazzi.

## Uħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom

Good Evening Tarcisio, Much appreciate the news we receive in the magazine. I am a member of MASS. – **C.G.**

Hi Tarcisio. Membru tal-kumitat tal-MASS qalilna li ser tiktbu ittra jew tkellmu lil C&C dwar l-email li rċevew dawk li għad għandhom *shares* ta' Hili u qegħdin taħt *nominee*, fejn qalulhom biex jew ibigħuhom jew jaqilbuhom fuq isimhom sad-29 ta' April. Forsi, jekk jogħġbok, tkun tista' tgħidilna kif bqajtu, ħalli nkunu nafu x'ser nagħmlu. Grazzi ħafna. – **J.P.**

Għażiż Tarcisio, Rajtek fuq il-"Każin". Prosit u grazzi tal-intervent tiegħek. Tislijiet, - **T.B.**

Prosit. Tkellimt tajjeb. Grazzi. – **R.M.**

Għażiż Anthony Farrugia, Prosit. L-ittra hija b'tifsira tajba ħafna kemm dwar il-ħolqien tal-każ tal-MIDI, kif ukoll dwar il-Malita, is Suq Kapitali, Dividendi mhux mogħtijin u d-daqqa bil-Covid 19. Jalla ħidmet l-Assoċjazzjoni tirnexxi b'risqna lkoll. Nibqa' nfittex l-okkażjoni li nimbotta magħkom. – **A.P.**

Hello, thanks tal-information. – **J.C.**

Proset u grazzi. – **H.M.**

Hello Tarcisio, Thanks tal-information, see you tomorrow. – **J.C.**

Thank you Mr Barbara. Is it possible to allow members to attend virtually if they cannot attend physically? **- V.A.**

Prosit u Grazzi ta' kollox Tarcisio & co. – **J.C.**

Thank you for your email regarding Midi plc recent developments. Can you please advise if this information also applies to bondholders of Midi plc that are reaching maturity in the coming weeks. The issuer (Midi plc) is expected to repay the principal investment to the bondholder. Thank you for your assistance in this matter. – **C.V.**

Dear Mr. Barbara, First of all let me take this opportunity to thank you for all your efforts in taking up the mantle to fight our corner with regards to the Midi Saga and how small shareholders have been short changed throughout this whole episode. - **C.S.**

Dear Mr.Barbara, We give you the full support in fighting the saga of Midi consortium versus the right pricing in midi. – **S.Z.**

# Miżati tal-Membri fil-MASS

Wara s-suċċess tal-aħħar laqgħat u konferenzi li organizzajna, fejn rajna żjieda sinifikanti fin-numru ta' parteċipanti, il-Kumitat tal-MASS ħa d-deċiżjoni li, minn issa 'l quddiem, l-attendenza għal dawn l-attivitajiet tkun limitata għal membri reġistrati biss.

Dan japplika wkoll għall-konjuġi jew *partner* tal-membri, li sabiex jattendu jridu jkunu membri tal-MASS huma wkoll. Din il-miżura qed tittieħed biex niżguraw ġustizzja u sostenibbiltà fl-organizzar tal-attivitajiet tagħna.

Kif tafu, f'diversi minn dawn il-laqgħat nipprovdu riċevimenti u servizzi oħra mingħajr ħlas addizzjonali għall-parteċipanti. Dawn jinvolvu spejjeż konsiderevoli li qed jiġu assorbiti mill-assoċjazzjoni. Filwaqt li diġà hemm diversi koppji li jħallsu l-miżati tagħhom separatament, issa dan se jsir rekwiżit obbligatorju għal kulħadd.

Napprezzaw ħafna l-kooperazzjoni tagħkom f'dan ir-rigward, sabiex inkunu nistgħu nkomplu noffru dawn l-attivitajiet u nżommu livell għoli ta' organizzar u ospitalità. L-għan tagħna huwa li, bl-appoġġ tagħkom, inkomplu nipprovdu esperjenza pożittiva u ta' valur għal kulħadd, anke jekk formalment m'aħniex obbligati nipprovdu dawn ir-riċevimenti.

**Infakkru li l-miżata tas-sħubija fil-MASS hija waħda modesta:**

- **€20 għal perijodu ta' 5 snin, jew**
- **€10 għal perijodu ta' sentejn.**

**Biex tapplikaw tistgħu tużaw il-formola f'paġna 19, jew direttament waqt xi laqgħa/konferenza.**

**Nirringrazzjawkom tal-fehim u l-appoġġ kontinwu tagħkom.**



# Avviżi

## IL-116-IL KONFERENZA (F'ĠUNJU)

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta 23 ta' Ġunju 2026 |
| **Suġġett:** | Introduzzjoni għal-Liġi tal-Kumpaniji (Introduction to the Companies Act) |
| **Kelliem:** | Is-Sa Lisa Micallef u s-Sa Raissa Accarino<br>Analisti mill-MBR (Analysts Malta Business Registry) |
| **Post:** | Lukanda Verdi (Corinthia Marina), San Ġiljan |
| **Ħin:** | Fil-5:30 pm Kafè; fis-6:00 pm Konferenza |

## L-1 TOUR 2026 APS BANK CENTRE – SWATAR

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta 14 ta' Lulju 2026 |
| **Post:** | APS Bank Centre – Triq it-Torri, Birkirkara (Swatar) |
| **Ħin:** | 9:00 am |

**Importanti li kull min se jattendi jrid jibbukkja jew b'imejl, messaġġ, jew fuq mobajl 99494878 u jagħti ismu u n-numru tal-ID. Ġibu l-ID magħkom u aħsbu intom għall-ipparkjar. Ikunu aċċettati biss l-ewwel 50 persuna.**

---

**Qed jiġu ppjanati konferenzi oħrajn fuq suġġetti importanti li dwarhom membri tal-MASS qed juru interess. Dawn il-konferenzi se jiġu mħabbra fil-ġimgħat li ġejjin permezz ta' imejl.**

# MIN JIRĊIEVI N-NEWSLETTER

Għeżież membri, aħna qed nibagħtu n-Newsletter: Shareholders' News kważi kull xahar bil-posta lil dawk il-membri kollha li jħallsu l-miżata regolarment, kif ukoll dawk li jixtiquha permezz tal-imejl. B'dan il-mezz tal-aħħar inkunu qed niffrankaw il-posta li għoliet ħafna.

Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata u li huma mniżżlin fl-indirizzi tagħna bħala *The Resident*, il-fuljett ma jirċevuhx regolarment. Lil dawn il-membri, aħna nibagħtulhom il-fuljett *at random*, minn fuq lista ta' aktar minn 3,000 indirizz li għandna.

Inħeġġeġ lil dawn il-membri (The Residents) biex jibdew iħallsu l-miżata, ħalli jibdew jirċievu dan il-magażin kull xahar, kif ukoll jieħdu l-benefiċċji kollha mill-Assoċjazzjoni, fosthom li jattendu laqgħat u konferenzi, inkluż xi bibiti.

**MEMBERSHIP APPLICATION FORM** **(IKTEB B'ITTRI KBAR)**

NIXTIEQ INSIR MEMBRU / INĠEDDED IS-SĦUBIJA TAL-
**MALTA ASSOCIATION OF MINORITY SHAREHOLDERS & RETAIL INVESTORS**.

Isem u kunjom: ____________________

Indirizz: ____________________

Kodiċi Postali: ____________ ID: ____________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl: ____________

Qed nibgħat ċekk ta' €_______, f'isem il-MASS.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ____________ DATA: ____________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

## Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS)

### DIAMOND

MALTA STOCK EXCHANGE

### PLATINUM

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

APS bank – values you can bank on

BOV Bank of Valletta

HSBC

### GOLD

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

M&Z

moneybase

bmit

### SILVER

Convenience Online

FIMBANK

GO

LOMBARD

LOQUS BUSINESS INTELLIGENCE

MEDSERV REGIS

PG plc

Farsons

malta post

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

MAIN STREET SHOPPING COMPLEX • PAOLA

MAPFRE MIDDLESEA

MIDI

Plaza

### BRONZE

TRIDENT ESTATES PLC

Malta Properties

VBL Group

MALITA INVESTMENTS

AX GROUP